

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-29 ta' April 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Constanța – Ir-Rumanija) – Agenzia de Plăti și Intervenție pentru Agricultură – Centrul Județean Tulcea vs SC Piscicola Tulcea SA (C-294/19), Ira Invest SRL vs Agenția de Plăti și Intervenție pentru Agricultură – Centrul Județean Tulcea (C-304/19)

(Kawżi Magħquda C-294/19 u C-304/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika Agrikola Komuni (PAK) – Skemi ta' ġhajnuna diretta – Ettaru eliġibbli – Impjanti tal-akwakultura – Użu katastali – Użu effettiv għal finijiet agrikoli – Użu konformi mar-reġistrazzjonijiet fir-registrū tal-artijiet)

(2021/C 263/02)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Constanța

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Agenția de Plăti și Intervenție pentru Agricultură – Centrul Județean Tulcea (C-294/19), Ira Invest SRL (C-304/19)

Konvenuti: SC Piscicola Tulcea SA (C-294/19), Agenția de Plăti și Intervenție pentru Agricultură – Centrul Județean Tulcea (C-304/19)

Dispożittiv

L-Artikolu 2(h) u l-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ direkt għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, kif ukoll l-Artikolu 4(1)(e) u l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 għandhom jiġi interpretati fis-sens li erjas ikkl-klassifikati, fid-dritt nazzjonali, bħala intiżi għall-attività tal-akwakultura, iżda li huma jew effettivavment intużaw għal finijiet agrikoli, huma erjas agrikoli.

(¹) ĠU C 288, 26.08.2019.